

# Stabilità u Progress



Spiro Grech
**Viċi President**

## Nuqqas ta' Stabilità u nuqqas ta' progress iġibu warajhom argumenti u konflitti.

Din is-sitwazzjoni żgur ma kinitx fil-Każin Imperial tul is-sena li għaddiet. Ikun hemm żmien meta dak li jkun jaħseb li kollox wieqaf jew kważi, imbagħad tara l-affarijiet, jew sejħilhom proġetti żgħar jew kbar, jirxuxtaw mingħajr ħafna daqq ta' trombi, fil-każ tagħna trumbetti.

Tiskanta kif f'sezzjoni tal-każin ikun għaddej proġett bin-nies jaħdmu, sintendi volontiera, u f'sezzjoni oħra, qisu ma qiegħed jiġri xejn, però meta tkun meħtieġa l-għajnuna, inżel sal-bar u min jinzerta hemm, arah iħalli l-flixkun tal-birra fuq il-mejda u tara nofs tużżana rġiel ġejjin biex jagħtu dik in-naqra għajnuna li tkun trid minn għandhom. Tieqaf taħseb u tgħid, mela mhux weħidna qegħdin, kulma trid tagħmel hu li titlob.

Hemm ħafna mezzi kif wieħed jista' jgħin, għandek dawk li jdaħħlu jdejhom fil-but mingħajr ma jkun jaf ħadd, hemm dawk li jagħmlulek il-kuraġġ u hemm dawk li jaħdmu. Kultant tibda taqta' qalbek u tgħid m'aħniex ser naslu, però meta tara hekk, ix-xogħol tibda tarah jew tħossu eħfef. L-importanti kif naħseb jien hu li nimxu bil-galbu, ma narawx kbir, u fejn ma naslux din is-sena, naslu sena oħra. Bl-appoġġ li għandna mill-membri tagħna naslu żgur.

Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat kollu tal-paċenzja li jieħu bija u meta ngerger xi ftit, niżgurakom li l-intenzjoni dejjem tkun waħda pożittiva. Grazzi

## It-Tmexxija tas-Soċjetà Imperial

Kellna ftit ċaqliq fit-tmexxija tas-Soċjetà tagħna. Nibda biex nifraħ lil sieħbi Josef Borg għall-ħatra ġdida li għandu ta' President.

Naf li fiż-żmien tal-lum mhux faċli, li naf żgur hu li Josef huwa bniedem kapaċi u jaf jieħu deċiżjonijiet f'waqthom. Jista' jħares lura u jimxi fuq l-istess passi li mexa fuqhom seħibna, l-eks President Gużepp Bartolo, li għal dawn l-aħħar 13-il sena mexxa lis-Soċjetà b'serjetà kbira. Grazzi Ġuż u nawguralek. Meta ma jkollokx x'tagħmel taf fejn għandek tiġi. Josef, jalla tmexxi lis-Soċjetà Imperial bil-galbu u twassalha fejn jixraqilha li tkun fis-snin li ġejjin.

Nifraħ ukoll lil sieħbi Norbert Vella għall-ħatra ta' Segretarju Ġenerali li wiret mingħand Josef Borg, piż mhux ħafif, però naf li hu intelliġenti u kapaċi. Nawguralkom.

Ma rridx ninsa nsellem lil sieħbi l-eks Viċi President Charlie Hiher. Jalla l-Madonna tal-Vitorja tagħtik l-għajnuna. Nixtieqlek saħħa ħabib.

Insellem lil sħabi membri u nixtieq lilhom u lill-Melleħin kollha, festa ta' ferħ u divertiment.

**CARMEL VELLA & SONS LTD.**
**GENERAL WHOLESALERS**
*CONFECTIONERY LINES, CIGARETTES, CIGARS & TOBACCO*
"Arcadia", George Borg Olivier Str., Mellieħa
Tel: 21 520883, 9949 6643, 9949 8855
cvelsons@maltanet.net